MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2011

Numru 913/2011

Il-Pulizija
(Spettur Bernard C Spiteri)
vs

John Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 123061(M), akkuzat talli nhar il-6 ta' Awissu 2011, f'xi hin bejn 12.00hrs u 20.00hrs, waqt li kien qieghed fi Triq l-Imsida, Birkirkara u fil-vicanzi;

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u ammont ta' oggetti ohrajn, li l-valur taghhom jaqbez mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centenzmu (€239.94) izda li ma' jaqbiex l-elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq hu

kwalifikat bil-valur, u il-mezz u dan ghad-dannu ta’ Evelyn Vella u/jew ta’ persuna/i ohra.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, u xjentement, b’kull mod, indahal biex ibieghhom jew biex imexxihom.

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbili jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax-il Ewro u seba’ u erbghin centezmu (€116.47), izda mhux l-elf, mija u erba’ u sittin Ewro u disa’ u sittin centezmu ((€1164.49) u li saret ghad-dannu ta’ Evelyn Vella u jew persuni ohra.

4. rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti ta’ Malta, li saru definittivi u ghaldaqstant ma’ jistghux jinbidlu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li hu hati tal-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizjonata ssibu hati tal-imputazzjonijiet dedotti, cioe’: ta’ serq aggravat bil-valur, ta’ hsara volontarja u ta’ recidivita’.

Rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(a), 325(b), 17(h), 49 u 50.

Tiddeciedi: issib l-imputat hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba’ akkuza; mhux tat-tieni li hi in alternattiva ghall-ewwel.

Tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ probation ghal tlett snin mill-lum.

Rat l-Artikolu 24 tac-citat Kap 446 u tikkundanna lill-imputat ihallas lill-persuna dannegjata (Evelyn Vella) is-somma ta’ €200 zmien mhux oltre sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------